IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2013
COM(2013) 500 final

2013/0233 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-programm ta' Riċerka u Żvilupp għall-Għixien Attiv u Megħjun tal-Unjoni li qed isir b'mod konġunt minn diversi Stati Membri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 251 final}
{SWD(2013) 252 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Għanijiet tal-proposta

L-għan ta' din il-proposta huwa d-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Parlament, abbażi tal-Artikolu 185 tat-TFUE, biex tipprovdi l-mezzi legali biex l-Unjoni Ewropea tipparteċipa fil-Programm Konġunt Għixien Attiv u Megħjun li qed isir minn diversi Stati Membri (il-Programm AAL - Active and Assisted Living).

L-għanijiet prinċipali tal-Programm AAL huma:

- Titjib tad-disponibbilità tal-prodotti u s-servizzi bbażati fuq it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT - Information and Communication Technology) għal tixjiħ attiv u f'saħħtu, biex titjib il-kwalità tal-ħajja għall-anzjani u dawk li jieħdu ħsiebhom u tiġir megħjuna ż-żieda fis-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura;
- Tinżamm massa kritika tar-riċerka trans-Ewropea applikata, l-iżvilupp u l-innovazzjoni għal prodotti u servizzi bbażati fl-ICT għal tixjiħ tajjeb, b'mod partikolari bl-invoviment tal-SMEs u l-utenti;
- Ingranaġġ tal-investimenti privati u t-titjib tal-kundizzjonijiet għall-isfruttament industrijali permezz tal-forniment ta' qafas koerenti għall-iżvilupp ta' approċċi u soluzzjonijiet Ewropej li jinkludu standards minimi komuni li jissodisfaw preferenzi soċjali u aspetti regolatorji nazzjonali u reġjonali li jvarjaw.

1.2. Raġunijiet għall-proposta

It-tixjiħ demografiku ġie identifikat fl-istrateġija Ewropa 2020 kemm bħala sfida kif ukoll bħala opportunità għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklusiv. L-inizjattivi mexxejja "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" u "Unjoni tal-Innovazzjoni" it-tnejn li huma jindirizzaw it-tixjiħ demografiku bħala prijorità. L-Aġenda Diġitali tiffoka fuq servizzi, prodotti u proċessi innovattivi megħjuna mill-ICT, u tinkludi diversi azzjonijiet dwar is-Saħħa Elettronika u azzjoni speċifika dwar ir-rinfurzar tal-Programm AAL. Il-Programm AAL se jagħmel kontribuzzjoni importanti għall-istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattivi ewlenin relatiti u se jgħin jindirizza l-bidla demografika u joħloq opportunitajiet ġodda, b'mod partikolari għall-impriżi żgħar u medji. Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u f'Saħħtu (EIP AHA) tistenna li s-soluzzjonijiet tal-ICT ikollhom rwol importanti fl-ilħuq tal-miri taħgha ta' sentejn ħajja b'saħħitha addizzjonali sal-2020 kif ukoll it-titjib tal-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini u t-titjib fl-effiċjenza tas-sistemi tal-kura fl-Ewropa. Il-Programm AAL huwa komponent maġġuri bħala sostenn għall-EIP AHA bl-innovazzjoni bbażata fuq l-ICT għaliex jiffoka fuq il-parti tal-"Wied tal-Mewt" tal-katina tal-innovazzjoni fejn ir-riżultati tar-riċerka jeħtieġ li jiġu tradotti fi prodotti u servizzi ġodda lesti biex jidħlu fis-suq. Il-Programm AAL se jibbenefika wkoll mill-EIP għaliex l-EIP se taċċellera l-ħolqien fis-suq, l-użu fuq skala kbira u tikkontribwixxi wkoll għal titjib fil-kundizzjonijiet limitattivi għas-suq: pereżempju l-istandardizzazzjoni u l-interoperabbiltà, li ma humiex koperti mill-Programm, iżda li jissemmew fl-evalwazzjoni u l-konsultazzjonijiet bħala ostakli għall-varar. Il-Programm AAL huwa kkumplimentat minn inizjattivi maġġuri nazzjonali, bħal inizjattiva nazzjonali fuq AAL u t-tixjiħ fil-Ġermanja, Pjattaforma tal-Innovazzjoni għall-Għixien Megħjun fir-Renju Unit u Pjattaforma tal-Innovazzjoni fit-Tixjiħ fi Franza.

B'dawn il-programmi interrelatati li b'mod konġunt ikopru parti sinifikanti tal-'katina' tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-Ewropa għandha saħħa unika globali fl-ICT, għat-tixjiħ tajjeb. Il-

Programm AAL jikkumplimenta sew l-ICT proposta u l-attivitajiet tar-riċerka aktar fit-tul u l-innovazzjoni u l-validazzjoni fis-suq dwar it-tixjiħ taħt il-Programm Qafas Orizzont 2020.

Il-Programm AAL jikkumplimenta wkoll l-Inizzjattiva Konġunta tal-Ipprogrammar (JPI - Joint Programming Initiative) "Aktar Snin, Ħajjiet Aħjar" dwar il-bidla demografika li tiġbor flimkien 13-il pajjiż Ewropew, biex tindirizza għarfien ġdid ibbażat fix-xjenza għat-tfassil tal-politika dwar it-tixjiħ fil-futur, ibbażat fuq firxa mifruxa ta' oqsma tar-riċerka. Il-Programm AAL jista' jipprovdi kuntest ta' applikazzjoni għar-riċerka milutidixxiplinarja tal-JPI u jikkontribwixxi għall-aġenda tar-riċerka tal-JPI bl-esperjenza tal-utenti, filwaqt li jikkondividi l-metodoliġiji tar-riċerka bħall-approċċ tal-mixja tal-ħajja.

Meħuda flimkien, dawn l-inizjattivi jkopru parti kbira mill-katina mir-riċerka fundamentali sat-teħid fis-suq, kif huwa rrakkomandat minn għadd ta' valutazzjonijiet indipendenti dwar il-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, kif ukoll mid-dokumenti tal-politika tal-UE. Dawn is-sinerġiji se jkomplu jissaħħu taħt il-proposta tal-Kummissjoni għal Orizzont 2020, il-Programm Qafas tar-Riċerka għall-2014-2020, li għandu taqsima speċifika għall-isfidi tas-soċjetà, fejn is-Saħħa, il-Bidla Demografika u l-Benessri huma wħud mill-prijoritajiet. Il-Programm AAL jissemma bħala wieħed mill-inizjattivi tal-Artikolu 185 TFUE li huma eliġibbli għal appoġġ kontinwu, sakemm jissodisfaw sett ta' kriterji.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1. Konsultazzjoni dwar il-futur fuq JP tal-AAL

Il-Kummissjoni kkonsultat il-pjanijiet għall-Programm AAL ma' diversi partijiet interessati interni u esterni. Il-Konsultazzjoni Pubblika fuq l-internet dwar l-EIP AHA li twettqet fl-2011 attirat 524 tweġiba li esprimew l-opinjonijiet tagħhom dwar l-inizjattivi nazzjonali, reġjonali u lokali eżistenti għat-tixjiħ attiv u f'saħħtu; minn. Madwar 38% tat-tweġibiet waslu minn istituzzjonijiet governattivi, 23% mill-industrija inkluż l-SMEs, 7% mis-settur tas-saħħa u l-kura soċjali, 17% mir-riċerka u l-akkademja u 15% mill-organizzazzjoni li tirrappreżenta l-persuni anzjani. Il-konsultazzjoni wriet li l-involviment tal-utenti aħħarin fl-istadju tal-iżvilupp mhux suffiċjenti, li huwa l-iżjed ostaklu sinifikanti għall-innovazzjoni.

F'Diċembru 2010 twettqet evalwazzjoni interim tal-JP tal-AAL preżenti minn ħames esperti ta' livell għoli mmexxija mill-Kummissarju Preċedenti M. Kuneva[1]. Din kienet tinkludi intervisti ma' iktar minn 40 parti interessata direttament involuti fil-katina tal-valur tal-JP tal-AAL magħżula minn madwar l-Ewropa. Madwar 33% tat-tweġibiet waslu minn istituzzjonijiet governattivi, 27% mill-industrija inkluż l-SMEs, 27% mir-riċerka u l-akkademja u 11 % mill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-persuni anzjani. Il-panil tal-evalwazzjoni enfasizza li huwa importanti għall-JP tal-AAL u s-segwitu tiegħu biex jiżguraw prestazzjoni operattiva għolja, ikomplu jżidu l-iffukar fuq soluzzjonijiet b'mira mifruxa fis-sitwazzjonijiet tal-ħajja reali, jippromwovu t-teknoloġija għal dawk li jieħdu ħsieb u l-intermedjarji u jsaħħu r-rabtieti mal-utenti u jiżguraw l-attivitajiet tal-varar.

Barra minn hekk fl-2010 twettqet komsultazzjoni pubblika fuq l-internet dwar il-JP tal-AAL u fl-2011 ġew mistħarrġa l-proġetti ffinanzjati taħt il-JP tal-AAL.

Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll il-parti differenti tagħha permezz ta' laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Valutazzjoni tal-Impatt fl-2012, li kkontribbwew għall-ippjanar u l-pjan direzzjonali għall-preparazzjoni tar-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt, b'mod partikolari li jikkonċerna d-dikjarazzjoni tal-problema u r-rilevanza tal-JP tal-AAP għad-DĠs l-oħra. Il-

[1] Ara http://ec.europa.eu/information_society/activities/einclusion/docs/aal/interim_evaluation_report.pdf

Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Artikolu 185 immexxi mid-DĠ RTD kkontribwixxa għall-istruttura u l-argumentazzjoni ta' dan ir-rapport.

2.2. L-għażliet tal-politika

Ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt kien jinkludi l-għażliet li ġejjin:

Għażla 1 - JP2 tal-AAL identiku għal JP1 tal-AAL - Din l-għażla ta' żamma tal-istatus quo hija xenarju linja bażi li jippreżenta l-kontinwazzjoni tal-JP tal-AAL għas-snin 2014 - 2020, bħall-JP tal-AAL preżenti li jkopri s-snin 2008 sa 2013.

Għażla 2 - L-ebda JP2 tal-AAL - Din l-għażla tfisser li ma hemmx programm u konfinanzjament tal-UE ddedikati biex iġiebu flimkien ir-riċerka nazzjonali u l-programmi tal-innovazzjoni fil-qasam tal-ICT għat-tixjiħ tajjeb fil-livell tal-UE wara l-2013. Il-flus riservati għas-segwitu tal-JP tal-AAL taħt Orizzont 2020 propost jistgħu jintefu - jekk jiġi adottat - fuq riċerka addizzjonali għat-tixjiħ, sew fi ħdan il-qafas ta' Orizzont 2020.

Għażla 3 - Din l-għażla ta' segwitu għall-JP1 tal-AAL tkun tinkludi kamp ta' applikazzjoni adattat u implimentazzjoni mtejba. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-programm JP2 tal-AAL ikun allinjat mal-kamp ta' applikazzjoni komplut tal-EIP AHA. Apparti mill-pilastru tat-Tixjiħ Attiv u l-Għixien Indipendenti tal-EIP AHA, ikunu koperti wkoll iż-żewġ pilastri l-oħrajn: Prevenzjoni, skrinjar u dijanjożi bikrija, u Kura u Fejqan. Minħabba l-bidla tal-kamp tal-applikazzjoni permezz tal-allinjament mal-EIP AHA, l-isem tal-programm jinbidel minn JP tal-Għixien Megħjun Kontestwalment għal JP tal-Għixien Attiv u Megħjun. Il-programm ikun kofinanzjat mill-Istati Membri kif ukoll mill-parteċipanti tal-proġett l-istess bħall JP tal-AAL preżenti mill-2008 sa l-2013. Il-livell tal-finanzjament tal-KE minn Orizzont 2020 ikun qed jibqa l-istess bħall-FP7. Din l-għażla tkun tfisser ukoll aktar involviment tal-utenti aħħarin, tinfirex il-bażi tal-finanzjament għall-atturi kollha, u titjib tal-prestazzjoni operattiva.

2.3. Konsultazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt

Dawn l-għażliet ġew riveduti fi Frar 2012 mill-Assemblea Ġenerali tal-JP tal-AAL, li kkonkludiet b'vot li t-tkomplija tal-programm hija ta' importanza strateġika u li 15 mit-23 preżentament pajjiżi parteċipanti ddikjaraw l-Għażla 3 bħala x-xenarju preferut tagħhom. It-tieni għażla ppreferuta kienet li jitkompla l-programma fil-forma preżenti tiegħu, irrapreżentata bħala l-Għażla 1. Żewġ pajjiżi biss ma ridux jappoġġaw li jitkompla l-programm - l-Għażla 2.

F'Novembru 2012, il-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt irreveda u approva r-rapport. Fl-Opinjoni tiegħu talab għal titjib fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt, liema talba ġiet ikkunsidrata. B'mod partikolari r-rapport issa jispjega aħjar l-kuntest tal-politika, il-problemi li fadal, in-nuqqasijiet tas-suq u x-xenarju linja bażi. L-għanijiet ġew riveduti biex jipprovdu bażi solida għall-kejl tal-progress tal-JP2 tal-AAL. Xenarji ta' finanzjament differenti intwerew f'manjiera iktar komprensiva fl-analiżi tas-sensittività u l-impatti possibbli soċjali u tas-saħħa komplew jiġu żviluppati. Finalment ġie inkluż it-tqabbil tal-għażliet f'termini ta' effettività, effiċjenza u koerenza.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Bażi legali

Ilproposta għall-Programm tal-AAL hija bbażata fuq l-Artikolu 185 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprevedi li l-Unjoni tista' tagħmel provvediment għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-programmi ta' riċerka u żvilupp imwettqa minn diversi Stati Membri, inkluż il-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-programmi.

3.2. Prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika għaliex il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea. Is-sussidjarjetà hija salvagwardjata billi l-proposta tiġi bbażata fuq l-Artikolu 185 li b'mod espliċitu jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-unjoni fil-programmi tar-riċerka mwettqa minn diversi Stati Membri. Permezz tal-implimentazzjoni tal-aspetti operattivi kollha fejn possibbli fil-livell nazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat approċċ koerenti fil-livell Ewropew tal-programm konġunt.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jiġu suffiċjentament milħuqa mill-Istati Membri waħedhom għaliex l-għarfien speċifiku u l-eċċellenza meħtieġa għar-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi bbażati fl-ICT għat-tixjiħ huma mifruxa fuq il-fruntieri nazzjonali u għalhekk ma jistgħux jiġu kkumbinati fil-livell nazzjonali biss. Mingħajr approċċ koerenti fil-livell Ewropew flimkien ma' massa kritika, hemm riskju għoli ta' duplikazzjoni ta' sforzi bil-konsegwenza ta' żieda fl-ispejjeż. Barra minn hekk, mhuwiex probabbli li jkun jista' jiġi stabbilit suq intern ġenwin għal soluzzjonijiet interoperabbli tal-ICT għal tixjiħ tajjeb mingħajr programm konġunt b'dimensjoni Ewropea.

Il-valur miżjud tal-UE huwa marbut direttament mal-problemi: frammentazzjoni tas-suq tal-UE u tal-isforzi tar-riċerka, nuqqas ta' fokus fuq il-varar trans-UE u nuqqas ta' viżjoni kondiviża fis-swieq tal-ICT u t-tixjiħ sew.

3.3. Prinċipju tal-proporzjonalità

L-Artikolu 185 tat-TFUE jisiteden lill-Unjoni biex 'tagħmel provvediment, fi qbil mal-Istati Membri kkonċernati, għall-parteiċpazzjoni fil-programmi ta' riċerka u żvilupp li jsiru minn diversi Stati Membir, inkluż parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-programmi.' L-Istati Membri huma l-ixprunaturi tal-inizjattiva.

Il-proposta hija konformi mal-priniċpju tal-proporzjonalità għaliex l-Istati Membri se jkunu responsabbli mill-iżvilupp tal-programm konġunt tagħhom u l-aspetti operattivi kollha. L-istruttura tal-implimentazzjoni ddedikata, l-Assoċjazzjoni AAL diġà wriet għall-JP tal-AAL preżenti li tista' timplimenta l-programm b'mod effiċjenti u effettiv. L-Unjoni se tipprovi inċentivi għal koordinazzjoni imtejba, tiżgura sinerġiji ma' u kontribuzzjoni għall-politiki tal-UE u għall-prijoritajiet ta' Orizzont 2020, tagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm u tiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Notevolment, l-istrutura organizzattiva proposta tiżgura piż amminsitrattiv minimu, billi x-xogħol amminsitrattiv prinċipali jsir permezz tal-aġenziji nazzjonali taħt is-superviżjoni u r-responsabbiltà kumplessiva tal-Assoċjazzjoni AAL maħluqa għal dan l-iskop.

3.4. Għażla tal-istrument

L-istrumet propost huwa Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ibbażata fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni interim u l-analiżi tal-għażliet fil-valutazzjoni tal-impatt urew li l-Artikolu 185 huwa l-iktar mezz adattat għall-kisba tal-għanijiet tal-programm AAL.

3.5. Derogi minn Orizzont 2020 Regoli għall-Parteċipazzjoni

Derogi mid-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament (UE) Nru ... [Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'Orizzont 2020] huma neċessarji biex jippermettu l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u l-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali biex jiġu implimentati skont ir-regoli għall-parteċipazzjoni tal-programmi nazzjonali parteċipanti.

- Verifika tal-kapaċità finanzjarja hija estiża għall-parteċipanti kollha u mwettqa mill-aġenziji nazzjonali ta' finanzjament parteċipanti. Art. 14.5
- L-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata ma tidħolx fi ftehim mal-benefiċjarji finali: Art. 16(1)
- Applikazzjoni tar-regoli nazzjonali għall-finanzjament, eliġibbiltà tal-ispejjeż, ċertifikati dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u ċertifikati dwar il-metodoloġija: Art. 19[(1), (5) sa (7)] u Art. 22-29
- Regoli li jamministraw l-IPR u disseminazzjoni tar-riżultati wara r-regoli nazzjonali: Art. 38-45

Dan huwa ġustifikat għaliex il-Programm AAL huwa intenzjonat bħala programm viċin tas-suq, fejn ħafna flussi differenti ta' finanzjamenti nazzjonali huma miġbura flimkien (bħall-innovazzjoni tar-riċerka, il-programmi ta' finazjament tas-saħħa u l-industrija). Dawn il-programmi min-natura tagħhom għandhom regoli ta' parteċipazzjoni differenti u ma jistgħux jiġu mistennija li jallinjaw kompletament mar-Regoli ta' Parteċipazzjoni ta' Orizzont 2020.

Flimkien mal-Programm AA fl-immirara tal-impriżi żgħar u medji u l-organizzazzjonijiet tal-utenti li normalment ma jipparteċipawx fl-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE. Sabiex jonqos il-livell limitu amministrattiv u legali għall-parteċipazzjoni tagħhom, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tiġi pprovduta skont ir-regoli tal-programi nazzjonali ta' finanzjament tagħhom li huma iżjed imdorrijin għalihom u implimentati permezz ta' għotja unika flimkien mal-appoġġ pubbliku nazzjonali korrispondenti. Il-JP tal-AAL (2008-2013) wriet li dan l-approċċ ħadem sew u ppermetta li jattira parteċipazzjoni għolja ta' iktar minn 40% ta' impriżi żgħar u medji.

Il-proposta tipprovdi salvagwardji li jixirqu biex jiggarantixxu rispett tal-prinċipji tat-trattament ekwu u t-trasparenza mill-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata meta jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-partijiet terzi, kif ukoll għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tipprevedi wkoll l-inklużjoni ta' dispożizzjonijeit dettaljati għal dan il-għan fi ftehim li għandu jiġi konkluż mill-Unjoni u l-istrutura ta' implimentazzjoni dedikata.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva ppreżentata permezz ta' din id-deċiżjoni tiffissa l-implikazzjonijiet baġitarji indikattivi. Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni u tal-ftehim ta' delega li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-istruttura dedikata ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE.

L-ammont massimu tal-kontribuzzjoni tal-UE se jkun EUR 175,000,000 mill-baġit ta' DĠ Connect ta' Orizzont 2020 allokat għall-Isfida tas-Soċjetà 1, saħħa tematika, bidla demografika u benessri.[2]

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

5.1. Simplifikazzjoni

Il-proposta tipprovdi għal simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-partijiet privati. Notevolment, ir-riċevituri tal-fondi ta' riċerka mill-programm konġunt il-ġdid se jibbenefikaw minn skema unika kontraenti u ta' pagament bl-użu ta' regoli nazzjonali familjari mingħajr xi ħtieġa ta' rapportar separat fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni. L-UE se tittratta

[2] *l-ammont huwa indikattiv u se jiddependi fuq l-LFS finali maqbul minn Orizzont 2020 u ammont għal DĠ Connect previst taħt l-isfidi tas-soċjetà, saħħa tematika, bidla demografika u benessri.*

direttament mal-Assoċjazzjoni AAL, li se tkun responsabbli mill-allokazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-UE.

5.2. Klawżola ta' eżami/reviżjoni/sunset

Il-proposta tinkludi klawżola ta' eżami għal reviżjoni f'nofs it-term wara tlett snin. Id-durata globali se tkun limitata għal seba' snin ta' intervent u tlett snin addizzjonali għat-tlestija.

5.3. Żona Ekonomika Ewropea

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jiġi estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

2013/0233 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-programm ta' Riċerka u Żvilupp għall-Għixien Attiv u Megħjun tal-Unjoni li qed isir b'mod konġunt minn diversi Stati Membri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidaraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha "Ewropa 2020 Strateġija għal tkabbir sostenibbli u inklusiv"[4], tisħaq il-ħtieġa li tiżviluppa kundizzjonijiet favorevoli għall-investiment fl-għarfien u l-innovazzjoni sabiex tikseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklusiv fl-Unjoni. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ħaddnu dik l-istrateġija.

(2) Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... 2013[5] (minn hawn 'il quddiem 'Programm Qafas Orizzont 2020') jimmira li jikseb impatt ikbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sħubiji pubbliċi-pubbliċi, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi programmi mwettqa minn diversi Stati Membri skont l-Artikolu 185 tat-Trattat.

(3) Id-Deċiżjoni Nru 742/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programm tar-riċerka u l-iżvilupp mwettaq minn diversi Stati Membri mmirat lejn it-titjib tal-kwalità tal-ħajja ta' persuni anzjani permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni ġodda[6] tipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja tal-komunità għall-Programm Konġunt tar-Riċerka u Żvilupp Għixien Megħjun Kontestwalment (minn hawn 'il quddiem "JP tal-AAL") li jaqbel ma' dak tal-Istati Membri iżda li ma jaqbiżx il-EUR 150 000 000 għad-durata tas-Seba' Programm Qafas tal-Kominutà Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitjiet ta' demostrazzjoni (2007-2013) stabbilit permezz tad-

[3] ĠU C …, …, p. ….
[4] COM(2010) 2020 final tat-3 ta' Marzu 2010.
[5] ĠU … [PQ Orizzont 2020]
[6] ĠU L 201, 30.7.2008, p. 49.

Deċiżjoni 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006[7].

(4) F'Diċembru tal-2012, il-Kummissjoni kkonumikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-evalwazzjoni interim tal-JP tal-AAL[8]. L-evalwazzjoni twettqet minn panil espert. L-opinjoni kumplessiva ta' dak il-panil espert kienet li l-JP tal-AAL kien kiseb progress tajjeb lejn l-għanijiet tiegħu u riżultati ammirevoli u li għandu jkompli lil hinn mill-perjodu ta' finanzjament preżenti. Il-panil espert innota madankollu xi nuqqasijiet, notevolment il-ħtieġa għal involviment iktar b'saħħtu fi proġetti u iktar titjib tal-prestazzjoni operattiva f'termini taż-żmien għall-kuntratt u ż-żmien għall-pagamenti. [

(5) Il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha intitolata 'Il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa, il-bidla ta' sfida f'opportunità'[9], saħħqet fuq il-fatt li t-tixjiħ demografiku huwa wieħed mill-isfidi ewlenin li qed jaffaċċaw l-Istati Membri kollha u li l-użu li qed jiżdied ta' teknoloġiji ġodda jista' jgħin biex nikkontrollaw l-ispejjeċ, intejbu l-benessri u nippromwovu parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà tal-persuni azjani, kif ukoll intejbu l-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni.

(6) Il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha intitolata 'Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 Unjoni tal-Innovazzjoni'[10], indikat li t-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa wieħed mill-isfidi tas-soċjetà fejn l-iskoperti fl-innovazzjoni jistgħu jkollhom rwol importanti u jħeġġu l-kompetittività, jgħinu lill-kumpaniji Ewropej biex imexxu l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, biex ikabbru u jassumu tmexxija globali fis-swieq il-ġodda ta' tkabbir, itejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi u b'hekk jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' għadd kbir ta' impjiegi ġodda ta' kwalità.

(7) Il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha intitolata 'Inizjattiva Ewrlenija Ewropea Aġenda Diġitali għall-Ewropa'[11], ipproponiet li tirrinforza l-JP tal-AAL sabiex tgħin tindirizza l-isfidi tal-popolazzjoni li qed tixjiħ.

(8) Il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha intitolata 'Il-progress tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu'[12], ipproponiet li tqies il-prijoritajiet rilevanti tal-Pjan għall-programmi u l-istrumenti tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-futur li huma parti mill-Programm Qafas Orizzont 2020. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tiqes l-kontribuzzjonijiet li jistgħu jsiru mill-JP tal-AAL lill-Isħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u f'Saħħtu.

(9) Taħt l-Isħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u f'Saħħtu stabbilita taħt l-Unjoni tal-Innovazzjoni, is-soluzzjonijiet tal-ICT huma mistennija li jkollhom rwol importanti fl-ilħuq tal-miri tagħha ta' sentejn ħajja addizzjonali b'saħħithom sal-2020 kif ukoll it-titjib tal-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini u t-titjib fl-effiċjenza tas-sistemi tal-kura fl-Unjoni. Il-Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni tagħha jiffissa l-prijoritajiet biex jaċċellera u jżid l-innovazzjoni fit-tixjiħ attiv u f'saħħtu madwar l-Unjoni, fi tlett dominji: il-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, il-kura u l-fejqan, u l-għixien indipendenti u l-inklużjoni soċjali.

---

7 ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
8 COM(2010) 763 finali tas-16 ta' Diċembru 2010.
9 COM(2006) 571 final tat-12 ta' Ottubru 2006.
10 COM(2010) 546 final tas-6 ta' Ottubru 2012.
11 COM(2010) 245 final tad-19 ta' Mejju 2010.
12 COM(2012) 83 final tad-29 ta' Frar 2012.

(10) Il-Programm tar-Riċerka u l-Iżvilupp Għixien Megħjun Kontestwalment (minn hawn 'il quddiem 'il-programm AAL') għandu jibni fuq il-kisbiet tal-programm preċedenti u jindirizza n-nuqqasijiet tiegħu billi jħeġġeġ parteċipazzjoni iktar tal-utenti fil-proġetti u permezz ta' implimentazzjoni tal-programm b'inqas intoppi.

(11) Għandu jiġi stabbilit limitu għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Programm AAL għaddurata tal-Programm Qafas Orizzont 2020. Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Programm AAL ma għandhiex taqbeż il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Istati Parteċipanti għaddurata tal-Programm Qafas Orizzont 2020 sabiex tikseb effett ta' lieva għoli u tiżgura l-involviment attiv tal-Istati Parteċipanti fl-ilħuq tal-għanijiet tal-Programm.

(12) F'konformità mal-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru .../2013 [PQ Orizzont 2020], kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż assoċjat mal-Programm Qafas Orizzont 2020 għandhom ikunu intitolati jipparteċipaw fil-Programm AAL.

(13) Sabiex ikun żgurat li impenn finanzjarju mill-Unjoni ikun imqabbel mill-Istati Parteċipanti, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun suġġetta għal impenji formali mill-Istati Parteċipanti qabel il-varar tal-Programm AAL u l-ilħuq tagħhom. Il-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti għall-Programm AAL għandha tinkludi l-ispejjeż amministrattivi mġarrba fil-livell nazzjonali għall-operat effettiv tal-programm.

(14) L-implimentazzjoni konġunta tal-Programm AAL tirrikjedi struttura ta' implimentazzjoni. L-Istati Parteċipanti qablu dwar l-istruttura tal-implimentazzjoni għall-Programm AAL u fl-2007 stabbilixxew l-Assoċjazzjoni tal-Għixien Megħjun Kontestwalment IASBL, organizzazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ taħt il-liġi Belġjana (minn hawn 'il quddiem 'AALA'). Għalhekk, fejn skont ir-rapport tal-Evalwazzjoni Interim, l-istruttura eżistenti tal-governanza tal-JP tal-AAL tat prova li hija effiċjenti u ta' kwalità tajba, l-AALA għandha tinuża bħala struttura ta' implimentazzjoni u għandu jkollha r-rowl bħala l-korpa ta' allokazzjoni u monitoraġġ tal-Programm AAL. L-AALA għandha ġġestixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u għandha tiżgura limplimentazzjoni effiċjenti tal-Programm AAL.

(15) L-AALA, sabiex tikseb l-għanijiet tal-Programm AAL, għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju primarjament permezz ta' għotjiet lill-parteripanti f'azzjonijiet magħżula mill-AALA. Dawk l-azzjonijiet għandhom jintgħażlu wara sejħiet għall-proposti taħt ir-responsabbiltà tal-AALA< li għandha tkun assistita minn esperti esterni indipendenti. Il-lista tal-klassifikazzjoni għandha tkun vinkolanti fir-rigward tal-għażla tal-proposti u l-allokazzjoni ta' fondi mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u mill-baġits nazzjonali għall-proġetti tal-Programm AAL.

(16) Il-kontribuzzjoni finanzjara tal-Unjoni għandha tkun ġetstita skont il-prinċipju ta' ġestjoni soda tal-finanzi u mar-regoli ta' ġestjoni indiretta stipulati fir-Regolament (UE, Euroatom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni [13] u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[14].

(17) Il-Kummissjoni, sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għandu jkollha d-dritt li tnaqqas, iżżomm jew tittermina l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni fejn il-Programm AAL jiġi implimentat b'mod inadegwat, parzjalment jew tard, jew l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jew jikkontribwixxu parzjalment jew tard, għall-

[13] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
[14] ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.

finanzjament tal-Programm AAL. Dawk id-drittijiet għandhom jiġu pprovduti fil-ftehim ta' delega li għandu jiġi konkluż bejn l-Unjoni u l-AALA.

(18) Il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Programm AAL hija suġġetta għar-Regolament (UE) Nru ... /2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... 2013 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni fil-'Programm Qafas għar-Riċerka ul-Innovazzjoni - Orizzont 2020 (2014-2020)'[15]. Madankollu, minħabba ħtiġijiet operattivi speċifiċi tal-Programm AAL hemm bżonn li jiġu pprovduti derogi mir-Regolament skont l-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament.

(19) Hemm bżonn ta' derogi speċifiċi mir-Regolament (UE) Nru ... / 2013 [Reg. għall-Part. f'Orizzont 2020] għaliex il-Programm AAL huwa intenzjonat bħala programm li huwa qrib l-innovazzjoni tas-suq, fejn jiġu miġbura flimkien ħafna flussi differenti ta' fondi nazzjonali (bħall-innovazzjoni tar-riċerka, il-programmi ta' finanzjament tas-saħħa u l-industrija). Dawk il-programmi nazzjonali għandhom min-natura tagħhom regoli ta' parteċipazzjoni differenti u ma jistgħux ikunu mistennija li jallinjaw kompletament mar-Regolament (UE) Nru .../2013 [Reg. għall-Part. f'Orizzont 2020]. Addizzjonalment, il-Programm AAL qed jimmira b'mod partikolari l-impriżi żgħar u medji u organizzazzjonijiet tal-utenti li normalment ma jipparteċipawx fl-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni. Il-kontribuzzjoni finazjarja tal-Unjoni, sabiex tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' dawk l-impriżi u organizzazzjonijiet, hija pprovduta skont ir-regoli magħrufa sew tal-programmi ta' finanzjament nazzjonali tagħhom u implimentati permezz ta' għotja unika li tikkombian l-finanzjament tal-Unjoni mal-finanzjament nazzjonali korrispondenti.

(20) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu tan-nefqa kollu, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa b'mod skorrett jew użti b'mod skorrett u, fejn jixraq, penali amministrattivi u finanzjarji skont ir-Regolament (UE, Euratom (Nru 966/2012, ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea [16] , ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra[17] u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1073/1999 (KE) tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)[18].

(21) Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim li tivvaluta b'mod partikolari l-kwalità u l-effiċjenza tal-Programm AAL u l-progress lejn l-għanijiet ffissati, kif ukoll evalwazzjoni finali, u tipprepara rapport dwar dawk l-evalwazzjonijiet.

(22) L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni preċiża u aġġornata. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-AALA u l-Istati Parteċipanti għandhom għalhekk jissottomettu kwalunkwe informazzjoni li l-Kummissjoni tkun teħtieġ fir-rapporti dwar l-evalwazzjoni tal-Programm AAL.

(23) Il-Programm AAL għandu jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u jikkonforma mal-prinċipji etiċi kif rifless fil-Programm Qafas Orizzont 2020.

---

15 ĠU L…, …, p. … [Reg. għall-Part. f'Orizzont 2020].
16 ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
17 ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
18 ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

(24) Peress li l-Istati Parteċipanti ddeċidew li jkomplu l-Programm AAL u l-għanijiet tieħgu jappoġġaw direttament u jikkumplimentaw l-politiki tal-Unjoni fil-qasam tat-tixjiħ attiv u f'saħħtu u minħabba li l-għanijiet tal-Programm AAL ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħdidhom u jistgħu, minħabba d-daqs tal-azzjoni, jinksibu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-priniċpju ta' susssidjarjetà kif hemm stipulat fl-Artikolu 5 at-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif hemm stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dawk li huwa neċessarju sabiex jinlaħqu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Parteċipazzjoni fil-Programm AAL

1. L-Unjoni għandha tipparteċipa fil-Programm tar-Riċerka u l-Iżvilupp għall-Għixien Megħjun Kontestwalment (minn hawn 'il quddiem il-'Programm AAL') li qed isir flimkien minn [l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, id-Danimarka, Franza, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Polonja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit u l-Isvizzera] (minn hawn 'il quddiem l-'Istati Parteċipanti'), skont il-kunidzzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni.

2. Kwalunkwe Stat Membru ieħor u kwlaunkwe pajjiż ieħor assoċjat mal-Programm Qafas għar-riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020 (2014-2020) stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru .../2013 (minn hawn 'il quddiem il-'Programm Qafas Orizzont 2020') jistgħu jingħaqdu mal-programm AAL sakemm jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 3(1)(c) ta' din id-Deċiżjoni. Dawk l-Istati Membri u pajjiżi assoċjati li jissodisfaw il-kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 3(1)(c) għandhom jitqiesu bħala Stati Parteċipanti għall-fini ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni għall-Programm AAL li tkopri l-ispejjeż amministrattivi u l-ispejjeż opreattivi għandha tkun EUR 175.000.000. Il-kontribuzzjoni għnadha titħallas mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokat lill-partijiet rilevanti tal-Programm Speċipfiku li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020 stabbilit permezz tad-Deċiżjoni .../2013/UE skont l-Artikolu 58(1)(c)(vi) u l-Artikoli 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

2. L-impenn finanzjarju annwali tal-Unjoni għall-Programm AAL ma għandux jaqbeż l-impenn finanzjaru annwali għall-Programm AAL mill-Istati Parteċipanti.

3. Massimu ta' 6% tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandu jintuża biex jikkontribwixxi għall-ispejjeż amministrattivi tal-Programm AAL.

Artikolu 3

Kundizzjonijiet għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun kondizzjonali fuq li ġej:

(a) prova mill-Istati Parteċipanti li l-Programm AAL huwa stabbilit skont l-Annessi I u II;

(b) in-nomina mill-Istati Parteċipanti jew mill-organizzazzjonijiet nominati mill-Istati Parteċipanti, tal-Assoċjazzjoni tal-Għixien Megħjun Kontestwalment, assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ taħt il-liġi Bleġjana (minn hawn 'il quddiem 'AALA'), bħala l-istruttura responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Programm AAL u mill-allokazzjoni u l-monitoraġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni;

(c) l-impenn ta' kull Stat Parteiċpanti biex jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-Programm AAL;

(d) prova mill-AALA tal-kapaċità tagħha biex timplimenta l-Programm AAL inkluż l-allokazzjoni u l-monitoraġġ tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-ġestjoni indiretta tal-baġit tal-Unjoni skont l-Artikoli 58, 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

(e) l-istabbilment ta' mudell ta' governanza għall-Programm AAL skont l-Anness III.

2. Matul l-implimentazzjoni tal-Programm AAL< il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun kondizzjonali ukoll fuq li ġej:

(a) l-implimentazzjoni mill-AALA tal-għanijiet tal-Programm AAL kif stipulati fl-Anness I u l-attivitajiet stipulati fl-Anness II skont ir-Regolament (UE) Nru ...[Regoli għall-aprteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'Orizzont 2020], suġġett għall-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni;

(b) l-istabbiliment ta' mudell amministrattiv xieraq u effiċjenti skont l-Anness III.

(c) il-konformità mill-AALA mar-rekwiżiti ta' rapportar stipulati fl-Artikolu 60 (5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

(d) l-ilħuq tal-impenji minn kull Stat Parteċipanti msemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 u l-ilħuq tal-impenji annwali biex jikkontribwxxi għall-finanzjament tal-Programm AAL.

Artikolu 4
Kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti

1. Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti għandhom jikkonsistu minn dawn li ġejjin:

(a) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet indiretti appoġġati taħt il-Programm AAL skont l-Anness II;

(b) kontribuzzjonijiet in natura li jikkorrispondu għall-ispejjeż amministrattivi mġarrba mill-amministrazzjonijiet nazzjonali għall-implimentazzjoni effettiva tal-Programm AAL skont l-Anness II.

Artikolu 5

Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni

1. Għall-iskopijiet tar-Regolament (UE) Nru .../2013 [Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'Orizzont 2020], l-AALA għandha tiġi kkunsidrata bħala korp ta'

fondi u għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-azzjonijiet indiretti skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) Nru .../2013 [Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'Orizzont 2020], il-kapaċità finanzjara tal-applikanti għandha tiġi vverifikata mill-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-programm nazzjonali nominat skont ir-regoli ta' parteċipazzjoni fil-programmi nazzjonali nominati.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru .../2013 [Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'Orizzont 2020], il-ftehimiet tal-għotja mal-parteċipanti għandhom jiġu ffirmati mill-aġenzija ta' ġestjoni tal-programm nazzjonali nominat.

4. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 19[((1), (5) sa (7)] u 22 sa 29 tar-Regolament (UE) Nru .../2013 [Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'Orizzont 2020], ir-regoli ta' finanzjament tal-programmi nazzjonali nominati għandhom japplikaw għall-għotjiet amministrati mill-aġenziji ta' ġestjoni tal-programm nazzjonali nominat.

5. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 38 sa 46 tar-Regolament (UE) Nru .../2013 [Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'Orizzont 2020], għandhom japplikaw ir-regoli tal-programmi nazzjonali nominati li jamministraw ir-riżultati, id-drittijiet ta' aċċess għall-isfond u r-riżultati.

Artikolu 6
Implimentazzjoni tal-Programm AAL

1. Il-Programm AAL għandu jiġi implimentat abbażi ta' pjanijiet ta' ħidma annwali skont l-Anness II.

Artikolu 7

Ftehimiet bejn l-Unjoni u l-AALA

1. Suġġett għal valutazzjoni pożittiva ex-ante tal-AALA skont l-Artikolu 61(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha tikkonkludi ftehom ta' delega u t-trasferiment annwali tal-ftehimiet ta' fondi mal-AALA.

2. Il-ftehim ta' delega msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi konkluż skont l-Artikolu 58(3) u l-Artikoli 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) nru 966/2012 u l-Artikolu 40 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012. Għandu jiffissa wkoll dan li ġej:

   (a) ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni tal-AALA fir-rigward tal-indikaturi rilevanti mill-indikaturi ta' prestazzjoni stipulati fl-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) Nru .../2013 [il-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020];

   (b) ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni tal-AALA għall-monitoraġġ imsemmi fid-Deċiżjoni (UE) Nru .../2013 [il-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020];

   (c) l-indikaturi speċifiċi tal-prestazzjoni neċessarji għall-monitoraġġ tal-funzjonament tal-AALA skont l-Artikolu 3(2);

(d) l-arranġamenti fir-rigward tal-forniment tad-dejta u l-informazzjoni neċessarja biex jiżguraw li l-Kummissjoni tista' tilħaq l-obbligi tagħha ta' disseminazzjoni u rapportar.

Artikolu 8

Terminazzjoni, tnaqqis jew sospensjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.

1. Fejn il-Programm tal-AAL ma jiġix implimentat skon il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3, il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas proporzjonalment jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni f'konformità mal-implimentazzjoni attwali tal-AAL.

2. Fejn l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jikkontribixxu parzjalemnt jew tard għall-finanzjament tal-Programm AAL, il-Kummissjoni tista' tittermina, proporzjonalment tnaqqas jew tisspospendi l-kontribuzzjoni finanjarja tal-Unjoni, filwaqt li tikkunsidra l-ammont ta' finanzjament allokat mill-Istati Parteiċpanti biex jimplimentaw il-Programm AAL.

Artikolu 9

Verifiki ex-post

1. Il-verifiki ex post tan-nefqa fuq azzjonijeit indiretti għandha titwettaq minn aġenziji ta' ġestjoni tal-programm nazzjonali nominat skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru ... [il-Programm Qafas Orizzont 2020].

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li twettaq il-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 hija stess.

Artikolu 10

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri li jixirqu li jiżguraw li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni huma protetti permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jiġi dettetti l-irregolaritajiet, permezz ta' rkupru tal-ammonti mħallsa b'mod skprrett, u fejn jixraq, permezz ta' penali proporzjonati u disważivi u finanzjarji.

2. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq l-investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stiplati fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1073/1999 (KE) tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)[19] u r-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra [20] bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'rabta mal-ftehim tal-għotja jew deċiżjoni tal-għotja jew kuntratt iffinanzjat skont din id-Deċiżjoni.

[19] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
[20] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

3. Kuntratti, ftehimiet tal-għotja u deċiżjonijiet tal-għtoja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, l-AALA, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF biex iwettqu verifiki u investifazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

4. L-AALA għandu jforni l-persunal tal-Kummissjoni u persuni oħra awtorizzati mill-Kummissjoni, kif ukoll mill-Qorti tal-Awdituri, aċċess għas-siti u l-postijiet tagħha u għall-informazzjoni kollha, inkluż informazzjoni f'format elettroniku, meħtieġa sabiex jitwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 3.

5. Meta jimplimentaw il-Programm AAL, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi, amministrattvi jew oħrajn neċessarji għall-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni, b'mod partikolari, biex jiżguraw l-irkupru totali ta' kwalunkwe ammont dovut lill-Unjoni skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012.

Artikolu 11

Komunikazzjoni tal-informazzjoni

1. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-AALA għandha tissottometti lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni neċessarja għall-preparazzjoni tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 12.

2. L-Istati Parteċipanti għandhom jissottomettu, permezz tal-AALA< kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li tikkonċerna l-ġestjoni finanzjarja tal-Programm AAL.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fir-rapporti stipulati fl-Artikolu 12.

Artikolu 12

Evalwazzjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjon interim tal-programm AAL. Il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport dwar dik l-evalwazzjoni li jinkludi l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni u l-osservazzjonijiet mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2018.

2. Fl-aħħar tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Programm AAL iżda sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tal-Progamm AAL. Il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport dwar dik l-evalwazzjoni li jinkludi r-riżultati tal-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrien jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 14

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS I

GĦANIJIET TAL-PROGRAMM AAL

1. Il-Programm AAL għandu jissodisfa l-għanijiet li ġejjin:

1.1. jaċċellera l-emerġenza ta' prodotti u servizzi innovattivi bbażati fl-ICT għat-tixjiħ attiv u f'saħħtu fid-dar, fil-komunità, jew fuq ix-xogħol, u b'hekk titjib il-kwalità tal-ħajja, l-awtonomija, il-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali, ħiliet u impjegabbiltà ta' adulti avvanzati fl-età u b'hekk tiżdied l-effiċjenza tas-saħħa u l-forniment tal-kura soċjali;

1.2. iżomm u jkompli jiżviluppa massa kritika ta' riċerka applikata, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fil-livell tal-Unjoni fl-oqsma ta' prodotti u servizzi bbażati fl-ICT għat-tixjiħ attiv u f'saħħtu;

1.3. jiżviluppa soluzzjonijiet kosteffettivi, inkluż l-istabbilment ta' standards interoperabbli rilevanti u l-iffaċilitar tal-lokalizzazzjoni u l-adattament ta' soluzzjonijiet komuni, li huma kompatibbli ma' preferenzi soċjali varji u aspetti regolatorji fil-livell nazzjonali jew reġjonali, jirrispettaw il-privatezza u d-dinjità tal-adulti avvanzati fl-età u, fejn applikabbli, jappoġġaw l-aċċess għal servizzi f'żoni rurali u perfierali jew jibbenefikaw gruppi ta' nies oħra, bħal nies b'diżabbiltajiet.

2. Il-Programm AAL għandu jistabbilixxi ambjent favorevoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi żgħar u medji.

3. Il-Programm AAL għandu jiffoka fuq riċerka applikata u innovazzjoni viċin tas-suq u għandu jikkumplimenta riċerka aktar fit-tul relatata u attivitajiet tal-innovazzjoni fuq skala kbira previsti taħt il-Programm Qafas Orizzont 2020, u inizjattivi Ewropej u nazzjonali oħrajn. Għandi jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u f'Saħħtu.

ANNESS II

ATTIVITAJIET TAL-PROGRAMM AAL

1. Azzjonijiet indiretti

1. L-implimentazzjoni tal-Programm AAL għandha primarjament tappoġġa proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni li huma orjentati lejn is-suq għat-tixjiħ attiv u f'saħħtu, li għandhom juru l-kapaċità ta' sfruttament tar-riżultati tal-proġetti fi ħdan qafas ta' żmien realistiku; Il-finanzjament ta' dawk l-azzjonijiet indiretti taħt il-Programm AAL għandhom ikunu prinċipalment fil-forma ta' għotjiet. Jista' jkun f'forom oħra bħall-premji, akkwist prekummerċjali, u akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi.
2. Barra minn hekk, jistgħu jiġu appoġġati azzjonijiet għall-iskopijiet ta' intermedjazjoni, promozzjoni tal-programm, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni tal-kapaċitajiet preżenti, trawwim tal-varar ta' soluzzjonijiet innovattivi u l-irbit flimkien tal-organizzazzjonijiet tad-domanda mal-provvista u investituri.
3. Jistgħu jiġu appoġġati wkoll azzjonijiet immirati lejn il-kwalità tal-proposti, l-istudji ta' fattibbiltà u s-sessjonijiet ta' ħidma. Il-kollaborazzjoni mar-reġjuni tal-Unjoni tista' tiġi mbassra li tkabbar il-grupp tal-partjiet interessati involuti fil-Programm AAL.

II. Implimentazzjoni

1. Il-Programm AAL għandu jiġi implimentat abbażi ta' pjanijiet ta' ħidma annwali li jidentifikaw suġġetti għas-sejħiet għall-proposti.
2. Il-pjanijiet ta' ħidma għandhom jiġu maqbula tal-Kummissjoni bħala bażi għall-kontribuzzjoni finanzjarja annwali mill-Unjoni.
3. L-implimentazzjoni tal-Programm AAL għandha tinkludi konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati rilevanti (inkluż dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fost l-awtoritajiet pubbliċi, rappreżentatni tal-utenti, fornituri tas-servizz mis-settur privat u fornituri tal-assikurazzjoni kif ukoll l-industrija inkluż impriżi żgħar u medji) fir-rigward tar-riċerka applikata u l-prijoritajiet tal-innovazzjoni li għandhom jiġu indirizzati.
4. L-implimentazzjoni tal-programm AAL għandha tqies ix-xejriet demografiċi u r-riċerka demografika sabiex tipprovdi soluzzjonjiet li jirriflettu s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika madwar l-Unjoni.
5. Għandha tittieħed kunsiderazzjoni xierqa dwar kwistjonijiet possibbli ta' sess, etika u privatezza f'konformità mal-linji gwida internazzjonali.
6. F'konformità man-natura qrib tas-suq tal-Programm AAL u f'konformità mar-regoli stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, l-AALA għandha tistabbilixxi miri ta' prestazzjoni minimi li jixirqu għal żmien għall-għotja u żmien għall-pagament skont ir-[Regoli għall-Parteċipazzjoni u][r-Regolament Finanzjarju] u tiżgura konformità magħhom mill-Istati Parteċipanti matul l-implimentazzjoni tal-Programm AAL.
7. Kull Stat Parteċipanti għandu jiffaċilità l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet li jirrapreżentaw l-atturi min-naħa tad-domanda.
8. Kull Stat Parteċipanti għandu jagħmel kofinanzjament tal-proġetti magħżula tal-parteċipanti fil-programmi nazzjonali rilevanti tagħhom permezz tal-aġenziji ta'

ġestjoni tal-programm nazzjonali nominat. Dawk l-aġenziji għandhom sussegwentement jiddirezzjonaw il-finanzjament mill-AALA abbażi ta' deskrizzjoni komuni tal-proġett, li jifforma parti minn ftehim li għandu jiġi konkluż bejn l-aġenziji ta' ġestjoni tal-programm nazzjonali nominat u l-parteċipanti rispettivi għal kull proġett iffinanzjat.

9. Wara l-għeluq tas-sejħa għall-proposti tal-proġetti, l-AALA għandha twettaq kontroll ċentrali ta' eliġibbiltà f'kooperazzjoni mal-aġenziji ta' ġestjoni tal-programm nazzjonali nominat. Il-kontroll għandu jitwettaq abbażi tal-kriterji komuni ta' eliġibbiltà għall-Programm AAL li għandu jiġi ppubblikat mas-sejħa għall-proposti tal-proġetti.

10. L-AALA għandha, bl-assistenza tal-aġenziji ta' ġestjoni tal-programm nazzjonali nominat, tikkontrolla s-sodisfazzjoni ta' kriterji tal-eliġibbiltà nazzjonali addizzjonali stipulati fis-sejħiet għall-proposti tal-proġett.

11. Il-kriterji nazzjonali għall-eliġibilità għandhom jirrelataw biss mal-istatus legali u finanzjarju tal-applikanti individwali u mhux għall-kontenut tal-proposta u għandhom jikkonċernaw l-aspetti li ġejjin:

11.1. it-tip ta' applikant, inkluż l-istatus legali u l-iskop,

11.2. ir-responsabbiltà u l-vijabbiltà, inkluż is-saħħa finanzjarja, is-sodisfazzjon tal-obbligi fiskali u soċjali.

12. Il-proposti eliġibbli għall-proġetti għandhom jiġu evalwati u magħżula mill-AALA bl-assistenza ta' esperti indipendenti, abbażi ta' kriterji tal-evalwazzjoni trasparenti u komuni, kif stabbilit fis-sejħa ppubblikat għall-proposti. Dik l-għażla, ladarba adottata mill-Assemblea Ġenerali tal-AALA< għandha tkun vinkolanti fuq l-Istati Parteċipanti.

13. Jekk parteċipant ta' proġett jonqos milli jissodisfa kriterju tal-eliġibbiltà nazzjonali wieħed jew iktar jew jekk il-baġit nazzjonali korrispndeonti għall-impent għall-finanzjament jiġi eżawriet, il-Bord Eżekuttiv tal-AALA jista' jdideċiedi li għandha titwettaq evalwazzjoni ċentrali indipendenti addizzjonali tal-proposta konċernata bl-assistenza ta' esperti indipendenti, sabiex tevalwa l-proposta jew mingħajr il-parteċipazzjoni tal-parteċipant inkwestjoni inkella b'parteċipant ieħor, kif issuġġerixxu l-parteċipanti tal-proġett.

14. Kwistjonijiet legali u finanzjarji li jikkonċernaw il-parteċipanti fi proġetti magħżula għall-finanzjament għandhom jiġu ġestiti mill-aġenzija ta' ġestjoni tal-programm nazzjonali nominat. Għandhom japplikaw regoli u prinċipji nazzjonali amministrattivi.

ANNESS III

GOVERNANZA TAL-PROGRAMM AAL

L-istruttura orgranizzattiva għall-Programm AAL għandha tkun kif ġej:

1. L-AALA, assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ stabbilita taħt il-liġi Belġjana, għandha tikkostitiwixxi l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata maħluqa mill-Istati Parteċipanti.

2. L-AALA għandha tkun responsabbli mill-attivitajiet kollha tal-Programm AAL. Il-ħidmiet tal-AALA għandhom jinkludu l-ġestjoni tal-kuntratt u l-baġit, l-iżvilupp tal-pjanijiet ta' ħidma annwali, l-organizzazzjoni tas-sejħiet għall-proposti, il-ġestjoni tal-evalwazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-proposti għall-fondi.

3. Barra minn hekk, l-AALA għandha tagħmel superviżjoni u tkun responsabbli mill-monitoraġġ tal-proġett u għandha tittrasferixxi l-pagamenti assoċjati tal-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni lill-aġenziji ta' ġestjoni tal-programm nazzjonali nominat. Għandha torganizza wkoll attivitajiet ta' disseminazzjoni.

4. L-AALA għandha tkun amministrata minn Assemblea Ġenerali. L-Assemblea Ġenerali għandha tkun il-korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Programm AAL. Għandha tappunta l-membri tal-Bord Eżekuttiv u tagħmel superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Programm AAL, inkluż l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma annwali, l-allokazzjoni ta' finanzjament nazzjonali għall-proġetti u l-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għal sħubija ġdida. Għandha taħdem abbażi ta' prinċipju pajjiż wieħed, vot wieħed. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu permezz ta' maġġoranza sempliċi, ħlief għal deċiżjonijiet ta' suċċessjoni, ammissjoni jew esklużjoni ta' membri jew ix-xoljiment tal-Assoċjazzjoni, li għalihom jistħgu jkunu stipulati fl-istatu tal-Assoċjazzjoni rekwiżiti speċifiċi tal-vot.

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha status ta' osservatur fil-laqgħat tal-Assemblea Ġenerali tal-AALA u għandha tapprova l-pjan ta' ħidma annwali. Il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna għal-laqgħat kollha tal-AALA u tista' tipparteċipa fid-diskussjonijiet. Id-dokument rilevanti kollha ċċirkolati f'konnessjoni mal-Assemblea Ġenerali tal-AALA għandhom ikunu kkomunikati lill-Kummissjoni.

6. Il-Bord Eżekuttiv tal-AALA - li jikkonsisti minn tal-inqas president, viċi president u teżorier - għandu jkun elett mill-Assemblea ġenerali biex iwettaq ir-responsabbiltajiet speċifiċi ta' ġestjoni bħall-ippjanar tal-baġit, il-persunal u l-kuntratti. Legalment għandu jirrappreżenta lill-Assoċjazzjoni u jirrapporta lill-Assemblea Ġenerali.

7. L-Unità Ċentrali ta' Ġestjoni stabbilita bħala parti mill-AALA għandha tkun responsabbli mill-ġestjoni ċentrali tal-implimentazzjoni tal-Programm AAL f'koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji ta' ġestjoni tal-programm nazzjonali, li għandhom ikunu awtorizzati mill-Istati Parteċipanti biex iwettqu xogħol assoċjat mal-ġestjoni tal-proġett u l-aspetti amministrattivi u legali għall-parteċipanti nazzjonali tal-proġett kif ukoll biex jipprovdu appoġġ għall-evalwazzjoni u n-negozjar tal-proposti tal-proġett. L-Unità Ċentrali ta' Ġestjoni u l-aġenziji ta' ġestjoni tal-programm nazzjonali għandhom jaħdmu flimkien bħala Unità ta' ġestjoni taħt is-superviżjoni tal-AALA.

8. Bord ta' Konsulenza b'rappreżentanti mill-industrija, l-utenti u partijiet interessati oħrajn, li jkunu qed ifittux bilanċ bejn il-ġenerazzjonijiet u s-sessi, għandu jipprovdi

rakkomandazzjonijiet għall-prijoritajiet u s-suġġetti li għandhom jiġu indirizzati fis-sejħiet għall-proposti u azzjonijiet oħra tal-Programm AAL.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għanijiet

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni previsti

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi u l-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompattibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' parti terza

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Parterċipazzjoni tal-Unjoni fil-Programm ta' Riċerka u Żvilupp għall-Għixien Attiv u Megħjun (AAL) (minn hawn 'il quddiem il-Programm AAL) li qed isir b'mod konġunt minn diversi Stati Membri.

1.2. Qasam/oqsma tal-politika konċernata/i fl-istruttura ABM/ABB[21]

Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku: Programm Qafas Orizzont 2020.

Azzjoni 78 tal-Aġenda Diġitali; Rinfurzar tal-Programm Konġunt AAL

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[22]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

X Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ridirezzjonata lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għanijiet

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Ewropa 2020

Unjoni tal-Innovazzjoni

Agenda Diġitali ghall-Ewropa

Żona Ewropea tar-Riċerka

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u l-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernata/i

L-għan operattiv prinċipali ta' din il-proposta leġiżlattiva, jiġifieri l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi Programm Konġunt tar-R&Ż u l-Innovazzjoni li jitwettaq bejn diversi Stati Membri fil-qasam tal-Għixien Attiv u Megħjun, diġà ġie previst fil-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-RTD u fil-Programm Speċifiku tiegħu "Sfidi tas-Soċjetà".

L-għanijiet speċifiċi assoċjati ma' dan l-għan operattiv huma:

(2) Stabbiliment u operat tal-Programm AAL

(3) Varar tal-miżuri ta' appoġġ tal-Programm

(4) Varar u kofinanzjament ta' riċerka kollaborattiva u proġetti ta' innovazzjoni b'2-3 snin għall-perspettiva tas-suq.

1.4.3. *Riżultat(i) u l-impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

---

21 ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività – ABB: Bagit Ibbażat fuq l-Attività.

22 Kif jissemma fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Programm AAL se jikkombina r-riżorsi tal-Unjoni, Nazzjonali u privati biex isibu soluzzjonijiet tal-ICT innovattivi li jippermettu ċ-ċittadini tal-Ewropa jixjieħu b'mod indipendenti u tajjeb, filwaqt li jikkontribwixxu għas-sostennibilità globali tal-kura tagħhom u jipprovdu opportunitajiet ekonomiċi ġodda għall-industrija Ewropea.

Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni huwa sostanzjali għaliex:

l-intervent tal-Unjoni se jagħmilha possibbli li jinħoloq qafas legali ġdid li permezz tiegħu l-finanzjament tal-Unjoni u dak Nazzjonali jistgħu jingħaqdu flimkien fi strateġija komuni biex jistimulaw proġetti kollaborattivi internazzjonali fir-R&Ż u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li jinvolvu l-SMEs. Altrimenti dan ma jkunx possibbli bl-użu tal-istrutturi eżistenti.

Il-Programm AAL se jippermetti l-indirizzar tal-isfida tat-tixjiħ demografiku billi jrawwem l-eżitu ta' prodotti u servizzi innovattivi ġodda bbażati fl-ICT għal għixien indipendenti tal-anzjani, u b'hekk iżid il-kwalità tal-ħajja u l-awtonomija tagħhom u jnaqqas l-ispejjeż tal-kura tagħhom. Dan se jsir b'mod koerenti u mhux frammentat flimkien ma' massa kritika ogħla u se jwassal għal soluzzjonijiet li huma kost effettivi u interoperabbli.

L-industrija u l-SMEs b'mod partikolari se jiġu appoġġati b'mod aktar effiċjenti billi tiġi pprovduta massa kritika u approċċ Ewropew koerenti għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet interoperabbli. Barra min hekk, se jkun possibbli li jiġu adattati soluzzjonijiet AAL għal preferenzi u regolamenti soċjali nazzjonali/reġjonali. Dan huwa prerekwiżit importanti għall-isfruttament kummerċjali u l-iżvilupp tas-suq u jipprovdi potenzjal qawwi għall-involviment tal-SMEs.

Fl-aħħarnett, l-iskema proposta se toħloq inċentivi għal żieda fl-investimenti nazzjonali u industrijali fir-R&Ż u għall-innovazzjoni fil-qasam tal-ICT u t-tixjiħ, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-mira ta' 3% tal-PDG Ewropew għar-R&Ż.

Il-valur miżjud makro-ekonomiku għall-ekonomija u s-soċjetà Ewropej li se jirriżulta mill-isfruttament tar-riżultati tal-Programm Tixjiħ Tajjeb ma ġiex indirizzat f'din id-dikjarazzjoni finanzjarja.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

L-indikaturi tal-riżultati u l-impatt stipulati fl-għan speċifiku tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazjoni - Orizzont 2020 huma mmonitorjati u rrapportati kull sena minn struttura ta' ġestjoni dedikata lill-Kummissjoni.

Ir-riżultati li ġejjin huma mistennija li jiġu mkejla permezz ta' indikaturi relatati:

Ingranaġġ tal-investimenti u sforzi nazzjonali; billi jipprovdu inċentivi għall-investimenti b'segwitu għal strateġiji komuni u ta' implimentazzjoni.

Indikaturi: (i) għadd ta' pajjiżi parteċipanti; (ii) impenji u pagamenti mill-Istati Parteċipanti; (iii) fondi nazzjonali impenjati u minfuqa fuq proġetti tal-Programm Konġunt; (iv) riżorsi investiti mill-industrija u partijiet interessati oħrajn permezz tal-parteċipazzjoni u l-kofinanzjament tagħhom tal-proġetti.

Titjib fil-koerenza tar-R&Ż u l-innovazzjoni fl-ICT għal Tixjiħ Tajjeb fl-Ewropa; billi titneħħa l-frammentazzjoni preżenti tal-isforzi permezz tal-iżvilupp ta' strateġiji komuni u sejħiet konġunti għal proposti b'massa kritika.

Indikaturi: Dan ir-riżultat se jinkiseb de-facto meta l-Programm Konġunt jibda jopera bis-sħiħ flimkien ma' parteċipazzjoni sinifikanti ta' pajjiżi.

Effiċjenza tal-Programm; billi jkun hemm ċertezza dwar id-disponibbiltà tal-baġits nazzjonali, li jkollhom sottomissjoni ċentrali tal-proposta, skema ta' evalwazzjoni u ta' għażla u billi tiġi pprovduta skema ta' użu faċli għall-utent għal riċerka u innovazzjoni Ewropej kollaborattivi li jkunu orjentati lejn is-suq u bbażati fuq regoli nazzjonali familjari. Dan għandu jirriżulta f'appoġġ ġdid u aktar effiċjenti għal parteċipanti rilevanti, b'mod partikolari l-SMEs, biex b'hekk iwassal għal investimenti industrijali ogħla u żmien iqsar sal-ħruġ fis-suq u l-isfruttament tar-riżultati.

Indikaturi: (v) perjodu ta' żmien bejn is-sottomissjoni tal-proposta u t-tnedija tal-proġett; (vi) għadd ta' SMEs parteiċpanti; (vii) spejjeż ġenerali għall-operat tal-Programm Konġunt.

Benefiċċji ekonomiċi u soċjali sinifikanti u kontribuzzjoni għall-għanijiet ewlenin ta' politika; dawn se jitkejlu bħala parti mill-evalwazzjoni indipendenti ta' nofs it-term u l-evalwazzjoni finali previsti flimkien ma indikaturi oħrajn ippreżentati.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li li għandu/hom jiġu sodisfatti fit-terminu qasir jew twil

Il-Programm AAL se jikkombina r-riżorsi tal-Unjoni, Nazzjonali u privati biex isibu soluzzjonijiet tal-ICT innovattivi li jippermettu ċ-ċittadini tal-Ewropa jixjieħu b'mod indipendenti u tajjeb, filwaqt li jikkontribwixxu għas-sostennibilità globali tal-kura tagħhom u jipprovdu opportunitajiet ekonomiċi ġodda għall-industrija Ewropea.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni huwa sostanzjali għaliex:

- L-intervent tal-Unjoni se jippermetti t-tkomplija tal-Programm AAL eżistenti fejn il-finanzjament tal-Unjoni u dak Nazzjonali jistgħu jingħaqdu flimkien taħt strateġija komuni biex jistimulaw proġetti kollaborattivi internazzjonali fir-R&Ż u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li jinvolvu l-SMEs. Altrimenti dan ma jkunx possibbli bl-użu tal-istrutturi eżistenti.
- Il-Programm AAL se jippermetti l-indirizzar tal-isfida tat-tixjiħ demografiku billi jrawwem l-eżitu ta' prodotti u servizzi innovattivi ġodda bbażati fl-ICT għal għixien indipendenti tal-anzjani, u b'hekk iżid il-kwalità tal-ħajja u l-awtonomija tagħhom u jnaqqas l-ispejjeż tal-kura tagħhom. Dan se jsir b'mod koerenti u mhux frammentat flimkien ma' massa kritika ogħla u se jwassal għal soluzzjonijiet li huma kost effettivi u interoperabbli.
- L-industrija u l-SMEs b'mod partikolari se jiġu appoġġati b'mod aktar effiċjenti billi tiġi pprovduta massa kritika u approċċ Ewropew koerenti għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet interoperabbli. Barra min hekk, se jkun possibbli li jiġu adattati soluzzjonijiet AAL għal preferenzi u regolamenti soċjali nazzjonali/reġjonali. Dan huwa prerekwiżit importanti għall-isfruttament kummerċjali u l-iżvilupp tas-suq u jipprovdi potenzjal qawwi għall-involviment tal-SMEs.
- Fl-aħħarnett, l-iskema proposta se toħloq inċentivi għal żieda fl-investimenti nazzjonali u industrijali fir-R&Ż u għall-innovazzjoni fil-qasam tal-ICT u t-tixjiħ, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-mira ta' 3% tal-PDG Ewropew għar-R&Ż.

Il-valur miżjud makro-ekonomiku għall-ekonomija u s-soċjetà Ewropej li jirriżulta mill-isfruttament tar-riżultati tal-Programm Konġunt AAL ma ġiex indirizzat f'din id-dikjarazzjoni finanzjarja.

1.5.3. Lezzjonijiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat

Abbażi tal-evalwazzjoni interim tal-JP tal-AAL predeċessur operat taħt l-FP7 inkisbu l-lezzjonijiet li ġejjin:

- Il-Programm AAL għandu jitkompla għaliex jipprovdi valur miżjud ċar, b'mod partikolari għall-SMEs, billi joħloq il-massa kritika neċessarja fir-riċerka u l-innovazzjoni dwar it-tixjiħ tajjeb fil-livell Ewropew biex jgħin prodotti u servizzi rilevanti jidħlu fis-suq;
- Għandu jiffoka fuq kif l-atturi ta' innovazzjoni reġjonali (l-iktar l-SMEs) jistgħu jifmhu u jindirizzaw is-suq Ewropew;
- Għandu Jtejjeb l-effiċjenza operattiva, b'mod partikolari fir-rigward taż-żmien għall-għotja u l-pagamenti;
- Għandu jtejjeb l-involviment mill-istadji bikrija tad-disinn tal-proġett tal-fornituri tas-servizz u b'mod partikolari l-utenti aħħarin fl-ispeċifikazzjoni u l-evalwazzjoni tas-sejħa.

Dawn il-lezzjonijiet ġew ikkunsidrati fis-sawra tal-Programm AAL 2.

1.5.4. Kompattibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti li jixriqu oħrajn

L-ewwel Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u f'Saħħtu (EIP AHA)[23] tippretendi li s-soluzzjonijiet tal-ICT ikollhom rwol importanti fl-ilħuq tal-miri tagħha ta' sentejn (2) ħajja addizzjonali b'saħħithom sal-2020 kif ukoll it-titjib tal-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini u t-titjib fl-effiċjenza tas-sistemi tal-kura fl-Ewropa. Il-Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni Tagħha jiffissa l-prijoritajiet biex jaċċellera u jżied l-innovazzjoni fit-tixjiħ attiv u f'saħħtu madwar l-Ewropa, fit-tlett dominji prevenzjoni u promozzjoni tas-saħħa, kura u fejqan, u għixien indipendenti u inklużjoni soċjali. Il-varar mill-Kunsill tal-EIP AHA isaħħaħ ir-rilevanza futura tal-Programm AAL u s-segwitu tiegħu. Il-Programm AAL huwa komponent maġġuri għall-implimentazzjoni tas-SIP, għax jiffokka fuq il-parti tal-"Wied tal-Mewt" tal-katina tal-innovazzjoni. Il-Programm AAL se jibbenifika wkoll mill-EIP għaliex l-EIP se taċċellera l-ħolqien fis-suq, l-użu fuq skala kbira u tikkontribwixxi wkoll għal titjib fil-kundizzjonijiet limitattivi għas-suq: pereżempju l-istandardizzazzjoni u l-interoperabbiltà, li ma humiex koperti mill-Programm, iżda jissemmew fl-evalwazzjoni u l-konsultazzjonijiet bħala ostakli għall-varar.

Il-Programm AAL huwa kkumplimentat minn inizjattivi maġġuri nazzjonali, bħal inizjattiva nazzjonali fuq l-AAL u t-tixjiħ fil-Ġermanja, Pjattaforma tal-Innovazzjoni għall-Għixien Megħjun fir-Renju Unit u Pjattaforma tal-Innovazzjoni fit-Tixjiħ fi Franza.

B'dawn il-programmi interrelatati li b'mod konġunt ikopru parti sinifikanti tal-'katina' tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-Ewropa għandha saħħa unika globali fl-ICT, għat-tixjiħ tajjeb. Il-Progamm AAL jikkumplimenta sew ir-riċerka fit-terminu itwal dwar l-ICT u t-tixjiħ fil-Programm Orizzont 2020 u s-soluzzjonijiet bbażati fl-ICT li jrendi

[23] COM(2012) 83 final, id-29 ta' Frar 2012.

jistgħu jiddaħħlu fl-attivitajiet tal-innovazzjoni u l-validazzjoni tas-suq taħt il-Programm Orizzont 2020.

Il-Programm tal-AAL huwa kumplimentarju wkoll għall-Inizjattiva ta' Programmar Konġunt (JPI)[24] "Iktar Snin, Ħajjiet Aħjar" dwar il-bidla demografika li tiġbor flimkien 13-il Pajjiż Ewropew, biex jindirizzaw għarfien ġdid bbażat fix-xjenza għat-tfassil tal-politika fil-futur dwar it-tixjiħ, ibbażat ufq firxa wiesgħa ta' dixxipplini tar-riċerka. Il-Programm AAL jista' jipprovdi kuntest ta' applikazzjoni għar-riċerka milutidixxiplinarja tal-JPI u jikkontribwixxi għall-aġenda tar-riċerka tal-JPI bl-esperjenza tal-utenti, filwaqt li jikkondividi l-metodoliġiji tar-riċerka bħall-approċċ tal-mixja tal-ħajja.

Fil-proposta tal-Kummissjoni għall-Deċiżjoni dwar Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT - European Institute of Innovation and Technology) għall-2014-2020, "Innovazzjoni għal għixien u tixjiħ attiv" hija waħda mit-temi ta' prijorità għall-mewġa tal-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs - Knowledge and Innovation Communities) tal-EIT fl-2014-2015.

Meħuda flimkien, dawn l-inizjattivi jkopru parti kbira mill-katina mir-riċerka fundamentali sat-teħid fis-suq, kif huwa rrakkomandat minn għadd ta' valutazzjonijiet indipendenti dwar il-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, kif ukoll mid-dokumenti tal-politika tal-UE.

1.6. Durata u impatt finanzjarju

X Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2023

– Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2020 dwar l-approprjazzjonijiet tal-impenji u mill-2014 sal-2023 dwar l-approprjazzjonijiet tal-pagamenti.

☐ (Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu minn SSSS sa SSSS.

– segwita minn operazzjoni sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)[25]

☐ **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

X **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi mwaqqfa mill-Unjoni Ewropea[26]

– X korpi tas-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fis-sens tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

---

[24] COM(2008) 468, Lejn Ipprogrammar Konġunt fir-Riċerka.

[25] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit tal-internet tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[26] Kif imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijet internazzjonali ***(għandhom ikunu speċifikati)***

Jekk jiġi indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti

Struttura ta' implimentazzjoni dedikata intitolata l-Assoċjazzjoni tal-Għixien Megħjun Kontestwalment ġiet stabbilita u hija amministrata mill-pajjiżi parteċipanti għall-ġestjoni tal-inizjattiva. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-inizjattiva se tiġi pprovduta permezz ta' din l-organizzazzjoni. Korpi nazzjonali tal-finanzjament jew l-aġenziji delegati tagħhom se jġestixxu l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE u se jidħlu fi ftehimiet tal-għotja mal-organizzazzjonijiet biex jirċievu appoġġ finanzjarju għar-riċerka kollaborattiva u l-attivitajiet tal-innovazzjoni.

Kummenti relevanti:

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea se titħallas mill-entita ta' ġestjoni dedikata stabbilita mill-Istati Parteċipanti li se ġġestixxi l-Programm. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni se tiġi pprovduta suġġett għall-approvazzjoni ta' pjan ta' ħidma u impenji baġitarji nazzjonali assoċjati.

L-istruttura organizzattiva għall-Programm AAL hija magħmula mill-entitajiet li ġejjin:

L-Assoċjazzjoni AAL li nħolqot bħala struttura ta' ġestjoni dedikata mill-Istati Parteċipanti se tiffirma ftehim ta' delega u ftehimiet ta' trasferiment annwali ta' fondi mal-Kummissjoni Ewropea biex tirċievi l-finanzjament annwali mill-Programm Qafas. Se tkun responsabbli mill-attivitajiet kollha tal-Programm AAL u se tkun immexxija minn direttur, li se jkun ir-rappreżentant legali tal-Assoċjazzjoni.

L-Assoċjazzjoni AAL hija responsabbli għall-attivitajiet kollha tal-Programm AAL. Il-kompiti tal-Assoċjazzjoni AAL jinkludu l-ġestjoni kuntrattwali u tal-baġit, l-iżvilupp ta' programmi ta' ħidma annwali, l-organizzazzjoni ta' sejħiet għall-proposti, il-ġestjoni tal-evalwazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-proġetti. Barra minn hekk, tagħmel superviżjoni tal-monitoraġġ tal-proġett u tittrasferixxi l-pagamenti assoċjati tal-kontibuzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea lill-aġenziji nazzjonali nnominati tal-programm. Torganizza wkoll attivitajiet ta' disseminazzjoni.

L-Assoċjazzjoni AAL hija mmexxija mill-Assemblea Ġenerali. L-Assemblea Ġenerali hija l-korp responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet u taħtar il-membri tal-Bord tad-Diretturi u tagħmel superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Programm AAL, inkluż l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma annwali, l-allokazzjoni tal-finanzjament nazzjonali għall-proġetti u l-applikazzjonijiet għal membri ġoddi. Se taħdem abbażi tal-prinċipju pajjiż wieħed, vot wieħed u se tuża l-maġġoranza sempliċi għat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-Kummissjoni se jkollha status ta' osservatur fil-laqgħat tal-Assemblea Ġenerali.

Il-Bord tad-Diretturi tal-AALA – li jikkonsisti minn Direttur u żewġ Viċi-Diretturi (jew inkella viċi-direttur u teżorier) – se jiġi elett biex jiżvolġi r-responsabbiltajiet speċifiċi ta' ġestjoni bħall-ippjanar tal-baġit, il-persunal u l-kuntratti. Legalment jirrappreżenta l-Assoċjazzjoni u jirrapporta lill-Assemblea Ġenerali.

L-Aġenziji ta' Ġestjoni tal-Programm Nazzjonali huma mħaddna mill-Istati Parteċipanti biex iwettqu xogħol assoċjat mal-ġestjoni tal-proġett u aspetti

amministrattivi u legali għall-imsieħba nazzjonali tal-proġett kif ukoll biex jipprovdu appoġġ għall-evalwazzjoni u n-egozjar tal-proposti. Jaħdmu taħt is-superviżjoni tal-Assoċjazzjoni AAL.

Bord Konsultattiv b'rappreżentanti mill-industrija u partijiet interessati oħrajn se jipprovdi rakkomandazzjonijiet għall-prijoritajiet u s-suġġetti li għandhom jiġu indirizzati fis-sejħiet għall-proposti tal-Programm AAL.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Skont Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-implimentazzjoni tal-Programm AAL hija mmonitorjata u rrapportata kull sena lill-Kummissjoni minn struttura ta' ġestjoni ddedikata, fejn applikabbli. Il-Programm se jiġi mmonitorjat permezz ta' rapporti annwali li se jiġu fornuti permezz tal-istruttura ta' ġestjoni ddedikata Dawn se jagħtu ħarsa ġenerali dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-Programm skont l-indikaturi ppreżentati fit-Taqsima 1.4.4.

Se titwettaq evalwazzjoni ta' nofs it-term wara 3 snin ta' operat u bl-assistenza tal-esperti indipendenti u se tivvaluta: (1) l-implimentazzjoni tal-Programm lejn integrazzjoni iktar xjentifka, ġestjonarja u finanzjarja; (2) il-valur miżjud u l-effettività tal-programm konġunt fl-ilħuq tal-għanijiet tiegħu. Sa tmiem il-programm għandha titwettaq evalwazzjoni finali minn esperti esterni.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

1) Ir-riskji ewlenin jikkonċernaw il-kapaċità tal-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata biex tamministra l-kontribuzzjoni tal-baġit tal-Unjoni u l-monitoraġġ effettiv tal-aġenziji nazzjonali involuti fl-operat ta' kuljum tal-programm.

2) Riskju ieħor huwa l-protezzjoni effettiva kontra l-frodi u t-telf finanzjarju possibbli minħabba l-invoviment għoli tal-SMEs u l-approċċ indirett ta' ġestjoni ċentralizzata.

3) It-tielet riskju jikkonċerna l-kapaċità tal-pajjiżi involuti biex jiffinanzjaw b'mod effettiv il-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-programm.

2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)

Fir-rigward tar-riskji 1 u 2, ara l-kapitolu 2.3.

Fir-rigward tar-riskju 3, f'dak il-każ is-salvagwardi li jiżguraw li l-fondi tal-UE biss jistgħu jiġu rilaxxati malli jkun hemm evidenza ta' impenji finanzjarji nazzjonali kemm fil-livell tal-ftehim tat-trasferiment annwali tal-fondi kif ukoll fil-livell tal-pagamenti għall-parteċipanti anzzjonali fil-proġetti tal-programm konġunt. Salvagwardja oħra hija li l-finanzjament tal-UE ma jistgħax jaqbeż l-50% tal-finanzjament pubbliku totali pprovdut fil-programm u li l-appoġġ tal-UE għall-infiq amministrattiv ma jistgħax jaqbeż is-6% tal-kontribuzzjoni globali tal-UE.

2.2.3. Spejjeż u benefiċċji tal-kontrolli u r-rata probabbli ta' nuqqas ta' konformità

Skont l-Artikolu 7 tad-deċiżjoni dwar il-Programm, is-sistema ta' kontroll stabbilita għall-implimentazzjoni tal-Programm se tkun imfassla sabiex tipprovdi assikurazzjoni raġonevoli għall-kisba ta' ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet kif ukoll bħala l-legalità u r-regolarità tat-tranżżazzjonijiet sottostanti, filwaqt li titqies in-nautra speċjali tal-Programm tal-AAL bħala sħubija pubblika-pubblika. Is-sistema ta' kontroll għandha tiżgura bilanċ li jixraq bejn il-fiduċja u l-kontroll, filwaqt li tikkunsidra spejjeż amministrattivi u spejjeż oħra ta' kontrolli fil-livell kollha, speċjalment għall-parteċipanti sabiex tkun

tista' tikkontribwixxi l-aħjar għall-kisba tal-għanijiet tal-Programm Qafas Orizzont 2020.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u rregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm tal-AAL jiddikjara li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija kondizzjonali fuq il-konformità tal-Assoċjazzjoni tal-AAL mar-rekwiżiti ta' rapportar stipulati fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Skont l-Artikolu 8 il-Kummissjoni tista' tittetermina, tnaqqas jew tisspospendi l-kontribuzzjoni tagħha.

Il-ftehim ta' delega li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-AALA f'konformità mal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 se jipprovdi għall-Kummissjoni biex tagħmel superviżjoni tal-attivitajiet tal-AALA, b'mod partikolari billi twettaq il-verifiki.

Aktar miżuri kontra l-frodi se jiġu implimentati bħala parti mill-ftehim iddettaljat bejn il-Kummissjoni u l-istruttura ddedikata ta' ġestjoni.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Intestaturi tal-baġit eżistenti

  Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru 09 04 03 01 Titjib tas-saħħa u l-benesseri tul il-ħajja kollha għal kulħadd	Diff./mhux-diff. (27)	minn pajjiżi tal-EFTA[28]	minn pajjiżi kandidati[29]	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
1A		Diff./mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA

27 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

28 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

29 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	Numru 1A	Intestatura

DĠ: CNECT			2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operattivi													
Numru 09 04 03 01	Impenji	(1)	25	25	25	25	25	25	25				**175**
	Pagamenti	(2)	2,7	10	17,3	24,7	24,7	24,7	24,7	23,2	15,8	7,2	**175**
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)											
	Pagamenti	(2a)											
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[30]													
Numru tal-linja baġitarja		(3)											
TOTAL tal-approprazzjonijiet għall-DĠ CNECT	Impenji	=1+1a +3	25	25	25	25	25	25	25				**175**
	Pagamenti	=2+2a +3	2,7	10	17,3	24,7	24,7	24,7	24,7	23,2	15,8	7,2	**175**

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)	25	25	25	25	25	25	25				**175**
	Pagamenti	(5)	2,7	10	17,3	24,7	24,7	24,7	24,7	23,2	15,8	7,2	**175**

[30] Appoġġ tekniku u/jew amministrattiv u nefqa f'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (linji 'BA' preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0,008	0,008	0,038	0,008	0,008	0,008	0,038				**0,116**
TOTAL tal-appropjazzjonijiet taħt INTESTATURA 1A tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	25,008	25,008	25,038	2500 8	25,008	25,008	25,038				**175,116**
	Pagamenti	=5+ 6	2,708	10,008	17,338	24,708	24,708	24,708	24,738	23,2	15,8	7,2	**175,116**

Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta / inizjattiva:

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)											
	Pagamenti	(5)											
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)											
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont tar-referenza)	Impenji	=4+ 6	25,008	25,008	25,038	25,008	25,008	25,008	25,038				**175,116**
	Pagamenti	=5+ 6	2,708	10,008	17,338	24,708	24,708	24,708	24,738	23,2	15,8	7,2	**175,116**

Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva"

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	**TOTAL**
DĠ: CNECT												
• Riżorsi umani		0,262	0,262	0,262	0,262	0,262	0,262	0,262				1,834
• Nefqa amministrattiva oħra		0.024	0.024	0.024	0.024	0.024	0.024	0.024				0.168
TOTAL DĠ CNECT	Approprjazzjonijiet	0,286	0,286	0,286	0,286	0,286	0,286	0,286				2.002

TOTAL tal-approprajzzjonijiet għall-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	0,286	0,286	0,286	0,286	0,286	0,286	0,286				2.002

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020				**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	25,294	25,294	25,324	25,294	25,294	25,294	25,324				177,118
	Pagamenti	2,994	10,294	17,624	24,994	24,994	24,994	25,024	23,2	15,8	7,2	177,118

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

– X Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprazzjonijiet tal-impenn f'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri deċimali)

Indika l-għanijiet u l-outputs ⇩			2014		2015		2016		2017		2018		2019		2020		**TOTAL**	
	OUTPUTS																	
	Tip[31]	Spiża medja	Numru	Spiża	Numru	Spiża	Numru	Spiża	Numru	Spiża	Numru	Spiża	Numru	Spiża	Numru	Spiża	Numru totali	Spiża Totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[32]…																		
Output 1	Stabbilment u operat ta' Programm Konġunt (*)	1,5/ sena	1	1,5	1	1,5	1	1,5	1	1,5	1	1,5	1	1,5	1	1,5	**7**	**10,5**
Subtotal għal għan speċifiku n 1			1	1,5	1	1,5	1	1,5	1	1,5	1	1,5	1	1,5	1	1,5	**7**	**10,5**
GĦAN SPEĊIFIKU n 2...																		
Output 2	Azzjoni ta' appoġġ	0,200	5	1	5	1	5	1	5	1	5	1	5	1	5	1	**35**	**7**
Subtotal għal għan speċifiku n 2			5	1	5	1	5	1	5	1	5	1	5	1	5	1	**35**	**7**
GĦAN SPEĊIFIKU n 3...																		
Output 3	Proġetti (*)	2	25	23,5	25	23,5	25	23,5	25	23,5	25	23,5	25	23,5	25	23,5	**175**	**164,5**
Subtotal għal għan speċifiku n 3			25	23,5	25	23,5	25	23,5	25	23,5	25	23,5	25	23,5	25	23,5	**175**	**164,5**

[31] Outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu fornuti (eż.: għadd ta' skambji tal-istudenti finanzjati, għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

[32] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. 'Għan(ijiet) speċifiku/ċi...'

SPIŻA TOTALI		**25**		**25**		**25**		**25**		**25**		**25**		**25**		**175**

(*) L-ispiża ta' ġestjoni ċentrali tal-Programm Konġunt tal-AAL se tkun appoġġata sa 6% tal-kontribuzzjoni tal-UE u se tinkludi l-ispejjeż tal-evalwazzjoni proposta.

(**) Jekk wieħed jassumi totali medja għal kull proġett ta' EUR 4 miljuni, li 50% minnhom se jiġu koperti minn fondi pubbliċi, li għandha tkun kondiviża bejn il-UE u l-Istati parteiċpanti skont il-proporzjon bejn l-impenji annwali rispettivi (stmati ~40-50%).

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– X Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri deċimali)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali											
Riżorsi umani	0,262	0,262	0,262	0,262	0,262	0,262	0,262				**1,834**
Nefqa amministrattiva oħra	0.180	0.180	0.180	0.180	0.180	0.180	0.180				**1.260**
Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,442	0,442	0,442	0,442	0,442	0,442	0,442				**3,094**

Barra l-INTESTATURA 5[33] tal-qafas finanzjaraju pluriennali											

[33] Appoġġ tekniku u/jew amministrattiv u nefqa f'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (linji 'BA' preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

Riżorsi umani											
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,008	0,008	0,038	0,008	0,008	0,008	0,038				**0,116**
Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjaraju pluriennali	0,008	0,008	0,038	0,008	0,008	0,008	0,038				**0,116**

TOTAL	0,450	0,450	0,480	0,450	0,450	0,450	0,480				**3,210**

L-approprjazzjonijiet amministrattivi meħtieġa se jintlaħqu mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġew allokati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ amministrattiv taħt il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani.

– X Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full time

		2014	2015	2016	2017-2020	**Total**
• Karigi tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)						
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		2	2	2	8	**14**
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)						
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)						
10 01 05 01 (Riċerka diretta)						
• Persunal estern (Ekwivalenti tal-Unità Full Time: FTE)[34]						
XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali")						
XX 01 02 02 CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)						
XX 01 04 **ss**[35]	- fil-kwartieri ġenerali					
	- fid-delegazzjonijiet					
XX 01 05 02 (CA, SNE, INT – Riċerka indiretta)						
10 01 05 02 (CA, SNE, INT – Riċerka diretta)						
Linji baġitarji oħra (speċifika)						
TOTAL		2	2	2	8	**14**

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

34 AK= Aġent Kuntrattwali; AL= Aġent Lokali; SNE = Esperti Nazzjonali Ssekondati; INT = persunal mill-aġenziji ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet);

35 Taħt il-limitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operattiva (formalment linji "BA").

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu sodisfatti mill-persunal tad-DĠ li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew allokati mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ amministrattiv taħt il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju

Il-kompiti prinċipali li jirriżultaw mill-azzjoni se jkunu:

- Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Assemblea Ġenerali tal-Assoċjazzjoni AAL bħala l-osservatur tal-Kummissjoni, 4 laqgħat ta' jumejn/fis-sena (livell ta' Direttur / Kap ta' Unità)
- Parteċipazzjoni f'laqgħat ta' ħidma u avvenimenti ta' disseminazzjoni tliet darbiet fis-sena (livell ta' Kap ta' Unità)
- Negozjar, Preparazzjoni u pagament tal-kuntratti tal-għotja mal-istruttura ddedikata ta' implimentazzjoni (livell ta' Uffiċjal tal-Proġett + livell ta' Assistent B/C)
- Monitoraġġ tal-implimentazzjoni + assistenza għall-evalwazzjonijiet ta' nofs it-term u ex-post (livell ta' Uffiċjal tal-Proġett)
- Verifika finanzjarja u legali tal-implimentazzjoni tal-Programm (livell ta' Uffiċjal Finanzjarju)

Persunal estern

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti

– X Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.[36]

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

– Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament minimu stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri deċimali)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**2021**	**2022**	**2023**	**Total**
Stati Parteċipanti	25	25	25	25	25	25	25				175
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati	25	25	25	25	25	25	25				175

Dettalji ta' kofinanzjament

Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni Ewropea sa EUR 25 miljun kull sena għanda tiġi pprovduta suġġett għal investiment ta' mill-inqas EUR 25 miljun kull sena mill-Istati Parteċipanti, li se jikkontribwixxu mill-inwas EUR 175 miljun bejn 2014-2020 mill-baġits nazzjonali għall-Programm AAL.

Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-ispejjeż operattivi tal-Programm AAL se tkun sa massimu ta' 6% tal-kontribuzzjoni globali tal-KE għall-Programm AAL.

Il-kontribuzzjoni tal-UE għandha tirrappreżenta perċentwal fiss tal-finanzjament pubbliku globali li ġejjin mill-programmi nazzjonali parteċipanti, iżda li fi kwalunkwe każ ma tistax taqbeż il-50 % tal-finanzjament pubbliku tal-Programm AAL. Dan il-perċentwal fiss għandu jiġi definit fil-kuntratt bejn l-istruttura ddeidakta ta' ġestjoni u l-Kummissjoni u għandu jiġi bbażat fuq l-impenn pluriennali tal-Istati Imsieħba Parteċipanti u l-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fil-proġetti R&Ż magħżula permezz tas-Sejħiet għal Proposti mnedija mill-Programm se jikkofinanzjaw dawn il-proġetti. Dawn il-kontribuzzjonijiet huma mistennija jammontaw għal minimu ta' madwar EUR 300 miljun għad-durata tal-Programm.

[36] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3. Impatt stmat fuq l-introjtu

– X Il-proposta/inizjattiva ma għandiex impatt finanzjarju fuq l-introjtu.